QALA

Ref Nru: 6

Il-minuti tas-sitt laqgha tas-sitt leglislatura tal-Kunsill Lokali Qala, li nzammet nhar it-Tnejn 13 t' Awwissu 2012, fis-7:00 ta' fil-ghaxija, fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill.

Prezenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Clint Camilleri |
| Vici Sindku: | Paul Buttigieg |
| Kunsillieri: | Paul Buttigieg<br>Jesmond Borg<br>Victor Grech |
| Segretarja Ezekuttiva: | Marcia Borg |

**1 Talba.**

1.1 Il-laqgha nbdiet permezz ta' talba u giet preseduta mis-Sindku.

**2 Festa ta' San Guzepp 2012.**

2.1 Is-Sindku semma li l-*mobile kiosks* li kienu jarmaw fil-festa ta' San Guzepp gew trasferiti fi Pjazza Isqof Mikiel Buttigieg. Huwa semma li kien hemm ftit problemi minn naha tas-sidien izda fl-ahhar kollox gie solvut. Is-Sindku semma li deher artiklu fuq gazzetta lokali dwar it-trasferiment ta' dawn il-*mobile kiosks*. Giet migjuba kopja ta' dan l-artiklu ghall-laqgha. Huwa bghat risposta ghal dan l-artiklu u qrah waqt il-laqgha. Il-Kunsillier Paul Buttigieg ma qabilx fejn fir-risposta jissemma l-Kunsill precidenti peress li fl-artiklu fl-ebda waqt ma ssemma dan. Gie diskuss li ghandha tigi rtirata r-risposta u tintbghat stqarrija mill-Kunsill fejn jissemma li kienet id-decizjoni tal-Kunsill biex isir dan it-trasferiment.

***3 Qala International Folk Festival 2012.***

3.1 Gie diskuss il-programm tal-*Qala International Folk Festival 2012*. Is-Sindku semma li din is-sena t-Tieg Malti fl-antik ser isir il-gurnata tal-Hamis flok il-Hadd. Ser jintefa` d-dawl fi Triq it-28 t' April 1688 u jinxtelghu x-xemghat. L-ikel ghal gruppi folkloristici ser jigi ppreparat minn Marcel Meylaq flok li niehduhom fil-ristoranti. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li l-inviti ser jinghataw lill-Kunsill b'xejn mis-sezzjoni tal-Kultura t'Ghawdex fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex u li huwa qed jistenna risposta minghand il-Ministeru

ghall-uzu b'xejn tal-*hostel* ta' l-ITS. Is-Sindku semma li hawn zewg persuni li jafu jarmaw id-dwal ghal din l-attivita li huma Joe Cutajar u Peter Paul Camilleri. Huwa ssuggerixxa li x-xoghol ta' l-armar tad-dawl ghandu jinghata sena kull wiehed li dawn iz-zewg persuni. U ghalhekk dwar min ser jibda din is-sena ghandhom jittellghu bix-xorti.

**4 Kotba ghat-tfal.**

4.1 Is-Sindku ressaq talba ta' Dr Raymond C. Xerri dwar ghajnuna finanzjarja ghall-kotba ghat-tfal li huwa qed jaghmel. Il-Kunsill iddiskuta dan. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li ma jsibx oggezzjoni imma ghandha tinghata l-istess ghajnuna bhal ma l-Kunsill kien ta lil haddiehor. Il-Kunsill qabel ma dan. Fl-ahhar gie deciz li ghandu jsir konsultazzjoni ma Dr Raymond C. Xerri u mal-*Headmistress* ta' l-Iskola Primarja Qala dwar ghall-liema eta` dawn il-kotba huma addattati.

**5 Xoghol ta' *resurfacing* bit-tarmak fi Triq Dun Guzepp Vella.**

5.1 Is-Sindku semma li l-Ministeru ghal Ghawdex hareg sejha ohra ghall-offerti ghal xoghol ta' *resurfacing* bit-tarmak ta' Triq Dun Guzepp Vella peress li fl-ewwel offerta kien hemm xi problemi.

**6 Materji ohra.**

6.1 Giet diskussa l-problema dwar il-loghob tan-nar li qed jingab minn Malta bid-dghajjes u li qed jidhol kollu f'Hondoq u jghaddi mill-lokalita` tal-Qala u dan ghad-diversi lokalitajiet f'Ghawdex. Il-Kunsill iddiskuta li kienet intbghatet ittra lill-entitajiet koncernati dwar dan imma l-Kunsill qatt ma rcieva risposta. Il-Kunsill iddiskuta li ghandu jigi kkonsultat l-Avukat tal-Kunsill dwar din is-sitwazzjoni.

6.2 Is-Sindku talab lill-Vici Sindku u lill-Kunsillieri sabiex jippreparaw l-messagg taghhom ghall-gazzetta tal-Kunsill li jmiss.

6.3 Is-Sindku semma li ser jittranga l-hajt tat-triq ta' Hondoq ir-Rummien, il-parti tan-nizla fejn hu dejjaq, peress li hu ta' periklu.

6.4 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lil Christine Vella *Senior Head Gozo* fl-Awtorita` tat-Turizmu ta' Malta b'referenza QLC/MTA/2/2012 dwar it-talba tal-Kunsill ghall-ghajnuna finanzjarja u tip iehor t'ghajnuna ghal bajja ta' Hondoq ir-Rummien.

6.5 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lil Ruben Said *Manager* fil-fergha t'Ghawdex tat-Transport Malta b'referenza QLC/TM/1/2012, dwar proposta sabiex fi Pjazza San Guzepp quddiem *gate,* issir tabella '*Keep Clear'*.

6.6 Is-Segretarja Ezekuttiva qrat l-ilmenti li dahlu fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill mis-16 ta' Gunju 2012 sat-13 t' Awwissu 2012 minn referenza numru 104/12 sa referenza numru 155/12.

## 7 Korrispondenza.

7.1 Giet trattata l-korrispondenza li gejja:

7.2 Ittra mibghuta mill-President Dr Raymond C Xerri mill-*Emergency Response and Rescue Corps*, dwar korsijiet ghall-haddiema tal-Kunsill u ghar-residenti.

7.3 Kopja ta' avviz numru 732 li deher fil-Gazzetta tal-Gvern tas-6 ta' Lulju 2012, dwar ismijiet ta' toroq f'Ghawdex fejn fosthom hemm l-isem ta' Triq gdida fi Triq Wied Simar li giet imsemmija Trejqa ta' Hatar.

7.4 Kopja ta' *Environmental Impact Statement* dwar l-applikazzoni ghal permess ta' zvilupp PA 01821/09 li hija *outline* ghal *offshore wind farm* fis-Sikka l-Bajda limiti tal-Mellieha.

Il-laqgha ntemmet fit-8:30 ta' filghaxija. Laqgha ohra giet stabbilita ghal nhar l-Erbgha 19 ta' Settembru 2012.

| | |
|---|---|
| Clint Camilleri | Marcia Borg |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |